



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Strasburgu, 27.10.2015  
COM(2015) 610 final

ANNEX 4

**ANNEX**

*tal-*

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĠJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2016**

**Mhux il-waqt li kollox jibqa' l-istess**

## Anness I: Lista ta' proposti pendenti rtirati jew modifikati

Il-Kummissjoni bi ħsiebha tirtira l-proposti elenkati hawn taħt fi żmien sitt xhur (sa April 2016).

L-irtirar għal raġunijiet għajr għal obsolexxenza, kif ukoll il-modifiki, huma indikati b'tipa **grassa**.

Nru	COM/Referenza interistituzzjonali	Titolu	Raġunijiet għal irtirar/modifika
<b>Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, Tassazzjoni u Dwana</b>			
1.	COM/2007/0746	Proposta għal <b>REGOLAMENT TAL-KUNSILL</b> li jstabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, applikabbli għas-servizzi ta' assigurazzjoni u għas-servizzi finanzjarji	<b>Il-proposta tmur lura għall-2007 u ma hu previst ebda ftehim (l-ebda Presidenza tal-Kunsill ma fetħet diskussjonijiet reċentement).</b>
2.	COM/2007/0747 2007/0267/CNS	Proposta għal <b>DIRETTIVA TAL-KUNSILL</b> li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, applikabbli għas-servizzi ta' assigurazzjoni u għas-servizzi finanzjarji	<b>Il-proposta tmur lura għall-2007 u ma hu previst ebda ftehim (l-ebda Presidenza tal-Kunsill ma fetħet diskussjonijiet reċentement).</b>
3.	COM/2013/0721 2013/0343/CNS	Proposta għal <b>DIRETTIVA TAL-KUNSILL</b> li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward ta' denunzja standard tal-VAT	<b>In-negozjati rriżultaw f'abbozz ta' test ta' kompromess li żnatura kompletament is-sustanza tal-proposta tal-Kummissjoni. B'mod partikolari, l-aħħar żviluppi marru kontra l-oġettivi tal-proposta tal-Kummissjoni jiġifieri ta' simplifikazzjoni, armonizzazzjoni u tnaqqis sostanzjali tal-piż.</b>
4.	COM/2011/0594 2011/0261/CNS	Proposta għal <b>DIRETTIVA TAL-KUNSILL</b> dwar sistema komuni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2008/7/KE	<b>Din il-proposta ġiet sostitwita bi proposta korrispondenti tal-2013 taħt il-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa.</b>

Nru	COM/Referenza interistituzzjonali	Titolu	Raġunijiet għal irtirar/modifika
5.	COM/2011/0738 2011/0334/CNS	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL dwar il-metodi u l-proċedura għad-disponibbiltà ta' riżorsi proprji abbażi tat-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji	Il-Kunsill Ewropew ta' Frar 2013, meta ddeċieda dwar il-pakkett 2014-2020, "stieden lill-Istati Membri parteċipanti fil-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji biex jeżaminaw jekk din tistax issir il-bażi għal riżorsa proprja ġdida". Wieħed għandu jinnota li l-Grupp ta' livell għoli dwar ir-Riżorsi Proprji ngħata l-kompitu li jwettaq "rieżami ġenerali tas-sistema tar-riżorsi proprji ggwidat mill-objettivi ġenerali tas-sempliċità, it-trasparenza, l-ekwità u r-responsabilità demokratika". Peress li r-regolament dwar id-disponibbiltà kien ibbażat fuq il-proposta tal-Kummissjoni ta' Ġunju 2011 għal deċiżjoni dwar Riżorsa proprja ġdida, li f'dan ir-rigward ma sabitx appoġġ, il-proposta għal regolament dwar id-disponibbiltà ma għadhiex relevanti u l-Kummissjoni għaldaqstant bi ħsiebha tirtira l-proposta. Kull proposta futura possibbli tal-Kummissjoni dwar riżorsa proprja abbażi ta' TTF ikollha tkun akkumpanjata mill-ġdid b'regolament korrispondenti ta' disponibbiltà.
6.	COM/2011/0121 2011/0058/CNS	Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL dwar Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva (BKKTK)	Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni dwar "Sistema ta' Taxxa Korporattiva Ġusta u Effiċjenti fl-Unjoni Ewropea: Ħames Oqsma Ewlenin għal Azzjoni" (COM(2015)302), il-Kummissjoni qed tnedi l-ħidma mill-ġdid b'approċċ ġdid fi stadji. Il-proposta eżistenti se tiġi rtirata pari passu.
7.	COM/1998/0637	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar ir-rappreżentazzjoni u t-teħid ta' pożizzjoni tal-Komunità f'livell internazzjonali fil-kuntest tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja	Il-proposta ġiet irtirata (C(2015)8001) u sostitwita bi proposta ġdida tal-21 ta' Ottubru 2015 (COM(2015)603).
<b>Politika dwar l-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà</b>			
8.	COM2007/0141 2007/0049/APP	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Turkmenistan, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea.	Obsolet: dan il-Protokoll ta' adattament kellu jirrifletti l-adeżjoni ta-Bulgarija u r-Rumanija, madankollu qatt ma ġie finalizzat u sussegwentement ġie deċiż li ssir proposta għal Deċiżjoni li tkopri l-adeżjonijiet tal-Istati Membri kollha mill-2004 'l hawn.

Nru	COM/Referenza interistituzzjonali	Titolu	Raġunijiet għal irtirar/modifika
9.	COM/2007/0144	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Turkmenistan, minn naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea.	Obsolet: dan il-Protokoll ta' adattament kellu jirrifletti l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, madankollu qatt ma ġie finalizzat u sussegwentement ġie deċiż li ssir proposta għal Deċiżjoni li tkopri l-adeżjonijiet tal-Istati Membri kollha mill-2004 'l hawn.
10.	COM/2004/808	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar f'isem il-Komunità Ewropea u l-applikazzjoni proviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim Ewro-Mediterranju ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika Għarbija Sirjana	Dan il-ftehim mhux se jiġi finalizzat u t-testi legali mill-2004 sal-2008 sadanittant saru obsoleti.
11.	COM/2008/853	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar f'isem il-Komunità Ewropea u l-applikazzjoni proviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim Ewro-Mediterranju ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika Għarbija Sirjana	Dan il-ftehim mhux se jiġi finalizzat u t-testi legali mill-2004 sal-2008 sadanittant saru obsoleti.
<b>Kummerċ:</b>			
12.	COM/2008/0522 2008/0169/APP	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tikkonkludi l-ftehim li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Sħab tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra	Dan il-ftehim mhux se jiġi finalizzat minħabba li ġie sostitwit bi ftehim aktar komprensiv li ġie nnegożjat wara l-2007 u inizjalat fl-2014.
13.	COM/2008/0565 2008/0177/APP	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tikkonkludi l-ftehim li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati SADC EPA, min-naħa l-oħra	Dan il-ftehim mhux se jiġi finalizzat minħabba li ġie sostitwit bi ftehim aktar komprensiv li ġie nnegożjat wara l-2007 u inizjalat fl-2014.

Nru	COM/Referenza interistituzzjonali	Titolu	Raġunijiet għal irtirar/modifika
14.	COM/2012/0593 2012/0287/NLE:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL fuq il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Kooperazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jstabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Federazzjoni Russa min-naħa l-oħra, fl-24 ta' Ġunju 1994 fir-rigward tal-ħolqien ta' lista ta' konċiljaturi	Obsolet: Fit-13 ta' Diċembru 2012 ir-Russja uffiċjalment irrifjutat li tistabbilixxi lista ta' konċiljaturi sabiex iħaddmu s-sistema għas-soluzzjoni ta' tilwim tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni L-UE tista' tirrikorri għad-dispożizzjonijiet ġenerali tad-WTO.
<b>Trasport</b>			
15.	COM/2014/0083 2014/0042/NLE	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL fuq il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali matul is-66 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar dwar l-adozzjoni ta' emendi għall-Anness VI tal-MARPOL rigward id-dewmien tal-istandards għall-emissjonijiet tal-ossidi tan-nitroġenu (NOx) tal-Livell III	Minkejja li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni kif inkluża fid-Deċiżjoni proposta għadha valida, il-proposta saret obsoleta minħabba li s-66 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar diġa saret (31 ta' Marzu – 4 ta' April 2014).
16.	COM/2013/484 2013/0226/COD	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1365/2006 dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni fir-rigward tal-għoti ta' setgħat delegati u ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri.	Jekk ma jkunx hemm qbil fi żmien sitt xhur, il-proposta għandha tiġi irtirata.
17.	COM/2013/0611 2013/0297/COD	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 91/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija, fir-rigward tal-ġbir ta' data dwar merkanzija, passiġġieri u inċidenti	Jekk ma jkunx hemm qbil fi żmien sitt xhur, il-proposta għandha tiġi rtirata.
<b>Migrazzjoni, Affarijiet Interni u Ċittadinanza</b>			
18.	COM/2013/0095 2013/0057/COD	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) għar-reġistrazzjoni tad-dejta tad-dħul u l-ħruġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea	Fl-"Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni" (COM(2015)240) il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tippreżenta proposta modifikata fl-2016.

Nru	COM/Referenza interistituzzjonali	Titolu	Raġunijiet għal irtirar/modifika
19.	COM/2013/0097 2013/0059/COD	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabilixxi programm ta' vjaġġaturi rreġistrati (Pakkett Fruntiera Intelliġenti)	Fl-"Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni" (COM(2015)240) il-Kummissjoni ħabbet l-intenzjoni tagħha li ttippreżenta proposta modifikata fl-2016.
20.	COM/2013/0096 2013/0060/COD	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 fir-rigward tal-użu tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) u tal-Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati (RTP) (Pakkett Fruntieri Intelliġenti)	Fl-"Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni" (COM(2015)240) il-Kummissjoni ħabbet l-intenzjoni tagħha li ttippreżenta proposta modifikata fl-2016.